Minuti tas-seduta numru sebgħin (70) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar it-22 ta' Novembru, 2023 fis-6:15pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier (on-line) |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| 70.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Il-membri qalu t-talba flimkien u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet mingħajr il-preżenza tas-Sur Chris Farrugia li daħal ftit tard. | Talba u presedenza |
| 69.16 | **Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart 2023**<br>Ma kienx trattat | Rapport Finanzjarju |
| 70.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa u sittin (69).**<br>Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati wara li tressqu mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mis-Sur Matthew Chetcuti u kienu approvati unanimament u ffirmati. | Minuti tas-seduta numru 69 |
| | **Punti mill-Minuti** | |
| 70.02.01 | Dwar l-iżvilupp ta' razzett fil-Wied t'Għeriexem, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi għamilna l-oġġezzjoni u din intbgħatet fil-ħin. Is-SE qal illi ma jistax jifhem kif stajna għamilniha għat-tieni darba peress li din is-soltu tkun ta' darba u mhux jerġgħu jiftħu l-proċess. Is-Sindku qal illi din kienet xi ħaġa oħra għalkemm dejjem fuq l-istess proposta. | Wied Għeriexem |
| 70.02.02 | Dwar is-Sidewalk Libraries, il-Kunsill Lokali tar-Rabat wera x-xewqa tiegħu li jissieħeb f'din l-opportunità li qed jagħtuna l-Aġenzjija Nazzjonali tal- | Sidewalk Library |

| | | |
|---|---|---|
| | Litteriżmu. Dawn il-kotba jistgħu jitpoġġew f'postijiet pubbliċi u mhux neċessarjament f'ġonna iżda anke per eżempju fiċ-Ċentru Ċiviku. | |
| 70.02.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' il-Festa ta' San Martin tal-Baħrija li kienet waħda tajba minkejja li kien hemm ftit tad-*diversions* minħabba x-xogħlijiet fit-toroq u kien hemm ix-xita mdendla u r-riħ qawwi. | San Martin tal-Baħrija |
| 70.02.04 | Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq il-binja tal-Kunsill fejn qed isiru x-xogħlijiet ta' *refurbishment*. Hu qal li jippreferi illi s-sala fejn jinżammu l-laqgħat tal-Kunsill tkun dik t'isfel fejn oriġinalment kienet fil-*ground floor* milli dik tat-tielet sular. | Refurbishment tal-Kunsill |
| * | Daħal is-Sur Chris Farrugia għal-laqgħa fis-7:00pm. | |
| 70.02.05 | Reġgħet issemmiet id-diffikultà li qed jesperjenzaw in-nies bir-rimi tal-fliexken tal-ħġieġ u tal-plastik fil-BCRS f'ħinijiet tard bil-lejl għaliex dawn qed jagħmlu ħafna storbju. Madankollu hemm bżonn li nsibu post ieħor addattat għaliex tnejn għar-Rabat kollu huma ftit wisq. | BCRS |
| 70.02.06 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-Kunsill illi l-kuntratt tar-restawr tal-istatwi tal-ħaġar fir-Rabat kien iffirmat illum ma' SBG Contractors. Madankollu, is-SE qal li jonqos li jġibu l-assikurazzjoni. | Restawr tal-Istatwi |
| 70.02.07 | Is-Sindku issospenda l-laqgħa fis-7:10pm għaliex kien stieden lir-residenti ta' Triq Gorg Borg Olivier sabiex jispjegaw lill-kunsillieri aħjar id-diffikultà tagħhom dwar il-permessi PA5309/22 dwar l-iżvilupp ta' passaġġ f'Villa Lungisland. Din id-delegazzjoni kienet immexxija mil-Perit Mannie Galea A & CE. Il-Perit Mannie Galea issuġġerixxa biex il-KLR jieħu s-suġġerimenti tagħhom aktar 'il quddiem għaliex hu każ ċar li hemm ħsibijiet kummerċjali minħabba li hemm applikazzjoni oħra li l-KLR kien oġġezzjoni għaliha fuq l-istess linja. Madankollu l-KLR talab lill-Perit r-raġuni eżatt li biha se nkunu wkoll qed noġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp. | PA5309/22 |
| ** | Fit-8:00pm is-Sa Doris Coleiro telqet mil-laqgħa u skużat ruħa minħabba impenji oħra. Għal xi ħin ħareġ is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ppresjeda il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. | |
| 70.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 353 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 72**<br>Ma kienux trattati | Ċedoli tal-pagamenti u tax'-xogħlijiet |
| 70.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Is-Sur Norbert Grech talab biex isir refreshing ta' zebra crossing fi Triq Bużugrilla quddiem l-appartamenti t'Għajn Qajjet. | Mistoqsijiet |
| 70.05 | **Ikla tal-Milied**<br>Is-suġġett ma kienx trattat. | Ikla tal-Milied |
| 70.06 | **Proposti għall-Budget 2024**<br>Is-suġġett ma kienx trattat. | Budget 2024 |
| 70.07 | **Laqgħa pubblika annwali tal-lokalità**<br>Is-suġġett ma kienx trattat. | Laqgħa Pubblika |

| | | |
|---|---|---|
| 70.08 | **Parteċipazzjoni fil-Final Conference Interreg Italia Malta fi Sqallija**<br>Is-SE kien mitlub mil-*Lead Partner* Prof Giuseppe Cirelli biex jitla' Sqallija jindirizza l-Konferenza Finali tal-proġett GIFLUID. Is-SE spjega illi mill-erba' entitajiet, l-Università ta' Catania (li wettqu Roof Garden u inawgurawh fis-16 ta' Novembru meta kien preżenti is-SE), l-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija (li wettqu wkoll Roof Garden fiċ-Ċentru Għajn), Acicastello (li wettqu Rain Garden) u sintendi il-Kunsill Lokali tar-Rabat, konna aħna biss li ma spiċċajniex fit-30 xahar tal-perjodu tal-proġett tal-Interreg. Matul din il-konferenza is-SE esebixxa power point li wkoll kienet editjata mis-CEO tal-EWA fejn fiha kien hemm ritratti tal-pavimentar maqlugħ. | GIFLUID |
| 70.09 | **PA/05545/23Appartamenti minflok it-Tattingers**<br>Il-KLR se joġġezzjoni kontra l-34 appartament proposti flok id-diskoteka Tattingers għax dawn kienu deskritti li se jkunu xorta fuq bażi kummerċjali u l-parkeġġ jittieħed mir-Rabat filwaqt li l-fondi se jeħduhom fid-Development Fund l-Imdina. Hawn intqal illi se tiżdied il-problema tal-parkeġġ fir-Rabat. Is-SE kien mitlub jikkomunika mal-Kunsill Lokali tal-Imdina biex naraw x'għandhom f'moħhom kif l-applikazzjoni għadha fl-iscreening process bil-premessa li nagħmlu oġġezzjoni. | PA/5545/23 |
| 70.10 | **Appuntar ta' evalwaturi fuq it-tender Tender for the Development of Rabat Community Website and Web Application**<br>Iċ-Ċerpersin se tkun is-Sa Roberta Galea, l-evalwaturi se jkunu is-Sa Romina Perici Ferrante, Dr Richard Sladden, il-Perita Oriana Farrugia. Is-segretarju tal-bord se jkun is-Segretarju Eżekuttiv. | Web site |
| 70.11 | **Appuntar ta' evalwaturi fuq it-tender tal-Electrical Installation works including commissioning and provision of garden furniture in an environmentally friendly manner in Gnien San Duminku.**<br>Kienu appuntati dawn l-aġġudikaturi: l-Inġ Mario Sammut, is-Sa Romina Perici Ferrante u l-Avukat Tiffany Ann Farrugia. Iċ-Ċermen appuntat kien is-Sur Christopher Falzon u s-SE se jkun is-Segretarju tal-Bord. | Għamara tat-toroq fi Pjazza San Duminku |
| 70.12 | **Talba għal refużjoni mill-ARPA dwar ix-xogħlijiet ta' tarmac f'Ta' Koronja u l-Imtaħleb**<br>Din il-kwistjoni kienet ittrattata f'punt 70.15 | Talba għal refuzjoni |
| 70.13 | **Talba għal unpaid leave tal-iskrivana Yvonne Spiteri**<br>Is-suġġett ma kienx trattat. | Unpaid Leave |
| 70.14 | **Isem għat-toroq – Isqof Silvestru Magro, Dun Ġwann Azzopardi, Triq tas-Salib u Sqaqien 1 u 2**<br>Is-suġġett ma kienx trattat. | Toroq ġodda |
| 70.15 | **Kawża minn Bonnici Bros – Kont ta' Xogħlijiet ta' qatran**<br>Il-KLR kien infurmat illi dawn qed ifittxuna għax-xogħlijiet tal-programm EAFRD Miżura 4.3 dwar ix-xogħlijiet tal-qatran fl-Imtaħleb u f'Ta' Koronja | Miżura 4.3 |

| | | |
|---|---|---|
| | għaliex l-ARPA qed jgħidu li kien hemm irregolaritajiet tekniċi li dwarhom iltaqgħu magħhom kemm is-Sindku kif ukoll is-SE anke fil-preżenza tal-Perit. | |
| 70.16 | **Punti Oħra**<br>Ma kienx hemm | Punti Oħra |
| 70.17 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa se tkompli nhar id-29 ta' Novembru fis-6:00pm għaliex l-aġenda ma kienetx diskussa kollha minħabba li din il-laqgħa intemmet fid-8:00pm | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 29 ta' Novembru 2023 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku